MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2005

Numru 670/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann Fenech)**

**versus**

**John Polidano**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra John Polidano ta' 38 sena imwieled il-Pieta' fid-29 ta' Lulju, 1965 iben Rosario u Josephine nee Mangion u joqgħod 47 Triq id-Duluri Birżebbugia (ID 360965)(M)

(a)Akkużat talli fl-14 ta' Mejju, 2004 minn San Ġiljan ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Opel kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni LAW 126, liema serq huwa

kwalifikat bil-mezz, ħin, u valur li jeċċedi Lm1000 u x-xorta tl-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Stephen Mifsud;

(b) Akkużat ukoll talli fis-s16 ta' Mejju, 2004 għall-ħabta tas-siegħu u nofs ta' filgħodu ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Scott, Lm50 fi flus kontanti u kamera tar-ritratti Canon minn karozza ta' l-għamla Tata Indica bin-numru CBH 232, li kienet ipparkjata fil-parking area tas-sala 'Overhills' li tinsab Triq Għar Dalam Birżebbuga, liema serq sar għad-dannu ta' Raymond Borg li huwa sid il-karozza u hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-Lm100 iżda ma jeċċedix lm500, bil-mezz, bil-ħin u x-xorta tal-ħaġa misruqa;

(c) Akkużat ukoll talli fl-istess jum, post u ħin attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 997 J Busuttil u PC 897 J Galea filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

(d) akkużat ukoll talli fl-istess jum, post u ħin ikkaġuna feriti ta' nautra ħafifa fuq il-persuni ta' PC 997 u PC 897 li huma persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, skond kif iċċertika Dr.A. Bugeja miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

(e) akkużat ukoll talli fl-istess jum, iżda f'postijiet differenti hedded lil PC 997 u lil PS 853 F Sciberras, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni tas-servizz;

(f) Akkużat ukopll talli xejentement laqa' għandu ħwejjueġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reqat jew xejentement b'kull mod li jkun biex iġibhom jew imexxihom;

(g) Akkużat ukoll talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorit Kriminali ta' Malta.

**Atti**

2. Rat l-att tat-twelid ta’ l-imputat, il-fedina penali tiegħu, kif ukoll kull att ieħor fil-proċess inkluża n-Nota ta’ l-Avukat Ġenerali tal-5 ta’ Mejju, 2005 fejn l-Avukat Ġenerali bagħat lura l-atti lejn il-Qorti biex tikkonverti ruħha f’Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u tgħaddi biex tagħti s-sentenza..

**Ammissjoni**

3. Semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi kollha nhar it-23 ta’ Frar, 2005, liema ammissjoni huwa ikkonferma wara li ngħata żmien beix jerġa’ jaħsibha

4. Semgħet lis-Sur Ray Grech tal-Kommunita’ ta’ Santa Marija jgħid kif l-imputat kien daħal għal programm u li diġa’ għamel aktar min-nofs ir-residential programm u loi s’issa għamel progress kbir. Jidher li qata’ d-droga u li qed juri ċerta maturita’.Issa fadallu l-fażi l-oħra tar-residential kif ukoll il-bqija tal-programm

5. Semgħet ukoll lill-imputat jiskuża ruħu għal dak li għamel lill-Pulizija

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkunsidrat

7. Illi ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, allura dawn huma ppruvati skond il-Liġi. Il-Qorti qed tqis li l-akkuża dwar ir-riċetazzjoni (dik immarkata (f)) hija alternattiva għal akkużi ta’ serq immarkati (a) u (b)

**Artikoli**

8. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49 u 50, 91, 95, 96(a), 221, 278(3) tal-Kap 9, issib lill-imputa ħati ta’ l-imputazzjonijiet salv dik immarkata (f).

**Piena**

9. Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni (a) il-fatt li l-imputat ta lura r-res furtiva kollha (b) għamel ammissjoni bikrija; (c) li skuża ruħu għal dak li għamel lill-Pulizija; (d) li issa għaddej programm fil-kommunita' ta' Santa Marija. Iżda hemm inkwetanti l-fedina penali ta' l-imputat. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal wieħed u għoxrin xahar (21) priġunerija.

**Rakkomandazzjoni tal-Qorti**

***10. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' ta' Kordin li sa fejn jippermettu r-regolamenti, l-imputat ikompli l-programm li għaddej bħal issa u li jidher għen lill-imputat biex jagħmel progress ġmielu.***

11. Il-Qorti qed tordna li l-atti kollha u din is-sentenza jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------